

# L-ewwel Viżta Pastorali fil-Kappella Ta' Pinu wara li tkellmet il-Madonna

*Mons. Joseph Bezzina*

Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2008, il-Knisja f'Malta u f'Għawdex sejra tfakkar għeluq il-125 sena mill-manifestazzjoni tal-Madonna meqjuma taħt it-titlu tat-Tlugħ tagħha fis-Sema fis-Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.

Qiegħed nikteb din il-kitba għall-ktieb tal-festa ta' San Filep li jippubblika l-Każin Banda San Filep (AD 1851) b'tifkira tar-ruħ qaddisa ta' Dun Mikiel Attard, appostlu kbir tad-devozzjoni tal-Madonna Ta' Pinu, li din is-sena – nhar it-30 ta' Lulju, 2008 – jagħlaq erba' snin mejjet.

Mija u dsatax-il sena ilu, nhar il-11 ta' Frar, 1889, il-Patri Agostinjan Ġwanni Marija Camilleri laħaq ir-raba' Isqof ta' Għawdex. Fl-24 ta' Frar, kien ordnat Isqof Ruma stess u nhar it-12 ta' Mejju, 1889, huwa għamel l-Ingress Solenni fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Ftit xhut wara hu beda l-ewwel Viżta Pastorali fl-istess Knisja Katidrali.

Nhar l-24 ta' Novembru, hu żar il-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, kappella li minn waħda kważi minsija, kienet saret fi ftit snin iċ-ċentru ta' ħafna devozzjoni. Din l-ewwel Viżta Pastorali fil-kappella wara li Karmni Grima kienet semgħet lill-Madonna tkellimha hi ta' importanza kbira fl-istorja tas-Santwarju, li nispera ħafna li ġurnata għad tkun miktuba kif jixirqilha.

It-tagħrif kollu ta' hawn taħt hu meħud mir-rapport uffiċjali ta' din il-Viżta li tinsab merfugħha



*Dehra minn ġewwa tal-kappella tal-Madonna Ta' Pinu kif kienet fl-1916.*

fl-AEG, l-Arkivju Veskovili ta' Għawdex, fis-sezzjoni tal-Viżti Pastorali, u r-rapport dwar Ta' Pinu jinsab minn paġni 43 sa 45.

## L-ewwel minsija, issa mfittxija

Il-Viżta fil-kappella bdiet fil-għaxra ta' fil-għodu u minkejja ċ-ċokon tal-kappella, damet sewwa sew siegħa. L-Isqof Camilleri kien akkumpanjat fost l-oħrajn mill-Arċipriet ta' l-Għarb, il-Kanonku Franġisk Saver Mercieca u mill-viċi Rettur tal-Kappella l-Kanonku Fakond Galea. Kien hemm sintendi wkoll il-Kanċilleri tal-Viżta. Minkejja l-jum u l-ħin, il-kappella kienet kontinwament iffullata bin-nies.

L-Isoqf Camilleri jinnota l-ewwelnett li l-Isqof Pace, li allura kien laħaq Arċisqof ta' Malta ma kienx żar il-kappella fl-aħħar Viżta Pastorali tiegħu li kienet saret bejn l-1883 u l-1885. Dik il-ħabta tant kienet f'kundizzjoni ħażina, li l-Isqof mhux biss ma ndenjax ruħu jżurha, iżda lanqas dehrlu li għandu jordna li jsirulha xi tiswijiet. Kienet *clausa et derelicta*, magħluqa u abbandunata minn kulħadd, u l-Isoqf man-nies ta' l-inħawi kienu qishom qed jistennew li tagħmel xi maltempata qalila u twaqqgħa u tintesa darba għal dejjem.

U verament ftit li xejn baqa' bżonnha! Nhar l-10 ta' Ottubru, 1852, fl-inħawi kienet infetħet u tbierket kappella l-ġmiel tagħha ta' San Publiju li kienet qed taqdi tajjeb ħafna l-ħtiġijiet tal-komunità ta' Għammar. L-Isoqf żar din il-kappella qabel Ta' Pinu.

Iżda minn tliet snin 'l hawn, jgħidilna l-Isqof, il-folja nqalbet: din il-kappella żgħira nfetħet għall-qima tal-pubbliku. Fiha bdew jiġu nies mhux biss mill-irħula kollha ta' Għawdex, iżda wkoll Malta u saħansitra minn postijiet 'il barra mix-xtut tagħna. U kulħadd kien qed jgħid kemm qala' grazzji temporali u spiritwali mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu.

## Messaġġ għat-talb

X'kien ġara f'daqqa waħda? "Jidhirli, jgħidilna l-Isqof, li għandi nniżżel fl-atti ta' din il-Viżta l-ġrajja li ġabet din it-tibdila." Hekk x'kiteb l-Isqof. Jingħad li mix-xhiba devota u antika tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema li tinsab f'din in-naqra ta' kappella, waħda xebba twajba semgħet stedina misterjuża.

U x'kien il-messaġġ? Sempliċi ħafna: Stedina misterjuża biex iżżur il-kappella iktar ta' spiss u titlob quddiem ix-xbiha. Ebda messaġġ speċjali, iżda messaġġ importanti ħafna: stedina għat-talb!

## Fejqan bla mistenni

Fil-bidu, jagħtina x'nifhmu l-Isoqf, ma sar xejn. Iżda mbagħad mara mill-Għarb li kieet magħdura ħafna u li kienet waslet fl-aħħar, qalgħet fejqan bla mistenni wara li rrikorriet għand il-Madonna Ta' Pinu.

U minn dak in-nhar *ingens multitudo*, folol kbar ta' nies, inġibdu lejn il-kappella.

## Pellegrinaġġi lejl u nhar

B'devozzjoni kbira, bdew jersqu lejn il-kappella serbut ta' nies bla waqfien, pellegrinaġġ wara l-ieħor minn Għawdex u minn Malta. It-triqat li jwasslu għall-kappella huma dejjem mimlija bin-nies. Lejl u nhar b'qima u devozzjoni qed jersqu jitolbu l-Madonna.

Jekk xi ħadd għandu xi dubju dwar din il-qima u d-devozzjoni, donnu jrid jgħidilna l-Isqof, basta jersaq fl-inħawi, jidħol sal-kappella u jara d-devoti mixħuta quddiem l-artal tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. Jixhed ukoll dan kollu l-magażin bit-taljan *Il-Messaggiere di Maria*, li allura

kellu bħala editur lill-imsemmi Kanċillieri tal-Viżta, il-Kanonku Mikelanġ Farrugia. Jixhduh, ikompli l-Isqof, in-numru li ma jingħadx ta' offerti votivi li jinsabu mdendla fil-kappella.

Jixhduh il-ħafna oġġetti għaċ-ċerimonji liturġiċi li ngħataw lill-kappella; qabel ma kellha xejn, issa ma jonqosha xejn. U m'għandhiex biss ħwejjeġ li jqumu ftit flus, iżda wkoll oġġetti ta' valur kbir. L-Isqof ordna lil Dun Fakond ħalli jagħmel inventarju ta' l-oġġetti kollha li kienu ngħataw lill-kappella minn meta reġgħet infetħet għall-qima tal-pubbliku.

## Il-Viżta proprja

Wara li ngħata dan it-tagħrif, għandna rapport tal-Viżta proprja. L-Isoqf ma kellux f'hiex jinfixel. Kienet kappella żgħira ħafna. Daħal fil-kappella u wara talba qasira libes alba, stola u velmural, tela' fuq l-artal u ta l-barka Sagramentali. Imbagħad daħal fis-sagristija ċkejkna li kien hemm mal-kappella u beda jara l-oġġetti kollha.

L-Isqof ordna dawn il-ħwejjeġ: (1) li t-tabernaklu jiġi mfannad biex ikun possibli li jitpoġġew fih żewġ pissidi; (2) li l-missal, l-albi u t-tvalji ta' l-artal qodma jiġu mibdula; (3) li jsir immedjatament inventarju ta' l-oġġetti kollha tal-kappella u ta' l-għotjiet tad-devoti: (4) li tinxtara kaxxaforti ħalli fiha jkunu jistgħu jitpoġġew l-oġġetti kollha tad-deheb u l-fidda bħala ħarsien kontra l-ħallelin; (5) li titkabbar kemmxejn is-sagristija; (6) li mill-għotjiet tal-fidili jsiru diversi abiti sagri meħtieġa għas-sagrifiċċju tal-quddiesa; u (7) li jagħmlu attenzjoni li l-ostji u l-inbid użati fil-quddiesa jkunu skond kif titlob il-liturġija.

Dan hu t-tagħrif interessanti li ħallielna fl-ewwel Viżta Pastorali tiegħu f'Ta' Pinu l-Isqof Camilleri, l-Isqof li kellu jara l-kappella żgħira tal-Madonna tikber f'Santwarju mill-isbaħ.

**Superior Ironmongery**

Mula Road, Ûebbu©.
Tel. No.: 2146 1619, 9988 8276
(Faċċata tal-Knisja tas-Sorijiet ta' Ħal Mula)



Inħalltu: "Beta Paints"
Fost il-ħafna affarijiet li ssib fil-ħanut tagħna, issa naqduk bil-prodotti tal-Beta Centre (tal-Fgura) bħal: acrylic paint, graffiato, żebgħa ta' barra u oħrajn; agħżel kulur u nħalltuh dak il-ħin. Ikollna wkoll borders, covings, skirtings etc...

Nagħtu Discounts u Nagħmlu Delivery b'Xejn għall-Konvenjenza Tiegħek.
**Miftuħin il-Ġurnata Kollha**
Nipprovdu wkoll **Servizz ta' plumbing u electrical work**